MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Numru. 66/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Stacey Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmija Stacey Gatt, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, bint Mario u Anna neé Bartolo, imwielda fis-17 ta' April 1989 u residenti fil-fond Palm Springs, Triq San Frangisk, Marsaskala, Malta u detentrici tal-karta tal-identita' numru 186989(G) li giet

akkuzata talli nhar l-14 ta' Frar 2010 u fil-granet ta' qabel, f'diversi postijiet gewwa Ghawdex, f'hinijiet differenti :

1. Kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u/jew kellha fil-pussess taghha il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan ai termini tal-artikolu 8(a) u (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tat-28 ta' Gunju 2010 ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet l-ammissjoni tal-imputata ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghha, liema ammissjoni giet riaffermata minnha wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissoni bikrija tal-imputata u l-fedina penali taghha, li hija wahda nadifa.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

Finalment il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputata tigi ordnata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------